

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 219/2014

tas-7 ta' Marzu 2014

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi għall-ispezzjoni *post-mortem* ta' majjali domestiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) u l-punt 7 tal-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali. Jistipula, *inter alia*, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' laħam frisk jitwettqu f'konformità mal-Anness I tiegħu. Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jistipula wkoll li l-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq eżerċizzji ta' spezzjoni f'biċċeriji, stabbilimenti li jittrattaw l-annimali tal-kaċċa u impjanti tat-tqattigħ li jqiegħdu laħam frisk fis-suq skont, *inter alia*, ir-rekwiżiti speċifiċi tat-Taqsima IV tal-Anness I tiegħu.
- (2) Il-Parti B tal-Kapitolu IV tat-Taqsima IV tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tistabbilixxi r-rekwiżiti speċifiċi għall-ispezzjoni *post-mortem* ta' majjali domestiċi.
- (3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fit-3 ta' Ottubru 2011 adottat Opinjoni Xjentifika dwar il-perikli tas-saħħa pubblika li għandhom ikunu koperti minn spezzjoni ta' laħam (majjal)<sup>(2)</sup>, li kkonkludiet li l-palpazzjonijiet u l-inċiżjonijiet attwalment meħtieġa fl-ispezzjoni *post-mortem*, jinvolve riskju ta' kontaminazzjoni kroċjata ma' perikli tal-batterji.
- (4) L-EFSA kkonkludiet ukoll li l-palpazzjoni jew l-inċiżjonijiet użati fl-ispezzjoni *post-mortem* attwali għandhom jitħallew barra fil-ħnieżer soġġetti għal qtil ta' rutina, minħabba li r-riskju ta' kontaminazzjoni mikrobjali kroċjata huwa oġġla mir-riskju assoċjat ma' osservazzjonijiet potenzjalment imnaqqsqa tal-kundizzjonijiet fil-mira ta' dawk it-tekniki. L-użu ta' dawk it-tekniki manwali waqt

l-ispezzjoni *post-mortem* għandu jkun limitat għal ħnieżer issuspettati identifikati, *inter alia*, permezz ta' osservazzjoni viżwali ta' anormalitajiet rilevanti.

- (5) Fid-dawl tal-opinjoni tal-EFSA, huwa xieraq li jiġu emendati r-rekwiżiti speċifiċi tal-ispezzjoni *post-mortem* ta' majjali domestiċi stabbiliti fil-parti B tal-Kapitolu IV tat-Taqsima IV tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.
- (6) Meta d-dejta epidemjoloġika jew dejta oħra mill-azjenda tal-oriġini tal-annimali, it-tagħrif dwar il-katina alimentari jew is-sejbiet tal-ispezzjoni *ante-mortem* jew l-osservazzjoni viżwali *post-mortem* ta' anormalitajiet rilevanti jindikaw riskji possibbli għas-saħħa pubblika, għas-saħħa tal-annimali jew għall-benessri tal-annimali, il-veterinarju uffiċjali għandu jkollu l-possibbiltà li jiddeċiedi li palpazzjonijiet u l-inċiżjonijiet jitwettqu matul spezzjoni *post mortem* sabiex jiġi deċiż jekk il-laħam huwiex tajjeb għall-konsum uman.
- (7) Ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jemendaw ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 li jinvolve adattament ta' Prattiki kurrenti kemm għall-operaturi tan-negozji tal-ikel kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti. Għaldaqstant huwa xieraq li jkun permess dewmien fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponiehom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Fil-Kapitolu IV tat-Taqsima IV tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, il-parti B tinbidel b'dan li ġej:

## "B. SPEZZJONI POST-MORTEM

1. Il-karkassi u l-interjuri tal-ħnieżer għandhom jgħaddu mill-proċeduri tal-ispezzjoni *post-mortem* li ġejjin:

- (a) spezzjoni viżwali tar-ras u l-gerżuma; spezzjoni viżwali tal-ħalq, il-fawċi u l-ilnsien;

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

<sup>(2)</sup> Il-Bordijiet tal-EFSA dwar il-Perikli Bijoloġiċi (BIOHAZ), dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari (CONTAM), u dwar is-Saħħa u l-Benessri tal-Annimali (AHAW), Scientific Opinion on the public health hazards to be covered by inspection of meat (swine), EFSA Journal 2011; 9(10):2351.

- (b) spezzjoni viżwali tal-pulmuni, it-trakea u l-esofagu;
- (c) spezzjoni viżwali tal-perikardju u tal-qalb;
- (d) spezzjoni viżwali tal-dijaframma;
- (e) spezzjoni viżwali tal-fwied u tal-glandoli żgħar limfatiċi epatiċi u pankreatiċi (*Lnn portales*);
- (f) spezzjoni viżwali tal-passaġġ gastro intestinali, il-mindil, il-glandoli żgħar limfatiċi gastrici u tal-mindil (*Lnn. gastrici, mesenterici, craniales u caudales*);
- (g) spezzjoni viżwali tal-milsa;
- (h) spezzjoni viżwali tal-kliewi;
- (i) spezzjoni viżwali tal-plewra u tal-peritonew;
- (j) spezzjoni viżwali tal-organi ġenitali (ħlief għall-pene, jekk ikun diġà intrema);
- (k) spezzjoni viżwali tal-beżżula u tal-glandoli żgħar limfatiċi taġħha (*Lnn. supramammari*);
- (l) spezzjoni viżwali tar-reġjun umbilicali u tal-ġogi ta' annimali żgħar.
2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jipproċedi b'iktar proċeduri tal-ispezzjoni *post-mortem* bl-użu ta' inċiżjoni u palpazzjoni tal-karkassi u l-ġewwieni, fejn, fl-opinjoni tiegħu/tagħha, waħda minn dawn li ġejjin tkun tindika riskju possibbli għas-saħħa pubblika, għas-saħħa tal-annimali jew għall-benessri tal-annimali:
- (a) il-verifiki u l-analiżi tat-tagħrif dwar il-katina alimentari mwettqa skont il-Parti A tal-Kapitolu II tat-Taqsima I;
- (b) is-sejbiet tal-ispezzjoni *ante-mortem* imwettqa skont il-parti B tal-Kapitolu II tat-Taqsima I u l-parti A ta' dan il-Kapitolu;
- (c) ir-riżultati tal-verifiki dwar il-konformità mar-regoli tal-benessri tal-annimali mwettqa skont il-parti C tal-Kapitolu II tat-Taqsima I;
- (d) is-sejbiet tal-ispezzjoni *post-mortem* imwettqa skont il-parti D tal-Kapitolu II tat-Taqsima I u l-punt 1 ta' din il-parti;
- (e) dejta epidemjoloġika addizzjonali jew dejta oħra mill-azzjenda tal-orijini tal-annimali.
3. Skont ir-riskji identifikati, il-proċeduri *post-mortem* addizzjonali msemmija fil-punt 2 jistgħu jinkludu:
- (a) inċiżjoni u eżami tal-glandoli żgħar limfatiċi submassillari (*Lnn mandibulares*);
- (b) palpazzjoni tal-pulmuni u tal-glandoli żgħar limfatiċi tal-bronki u medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales u mediastinales*). It-trakea u l-fergħat ewlenin tal-bronki għandhom jinfetħu mit-tul u l-pulmuni għandhom jiġu inċiżi fit-tielet posterjuri, perpendikolari mal-assi prinċipali taġħhom; daww l-inċiżjonijiet mhumiex neċessarjament meħtieġa meta l-pulmuni ma jkunux għall-konsum uman;
- (c) inċiżjoni tal-qalb mit-tul sabiex jinfetħu l-ventrikoli u qatgħa mis-septum interventrikulari;
- (d) palpazzjoni tal-fwied u tal-glandoli żgħar limfatiċi;
- (e) palpazzjoni u, jekk meħtieġ, inċiżjoni tal-glandoli żgħar limfatiċi gastrici u tal-mindil;
- (f) palpazzjoni tal-milsa;
- (g) inċiżjoni tal-kliewi u tal-glandoli żgħar limfatiċi renali (*Lnn. renales*);
- (h) inċiżjoni tal-glandoli żgħar limfatiċi supramammari;
- (i) palpazzjoni tar-reġjun umbilicali u tal-ġogi ta' annimali żgħar u, jekk meħtieġ inċiżjoni tar-reġjun umbilicali u ftuħ tal-ġogi."

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO